**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur (EU Law) Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Robert Mallia**

**Illum 14 ta' Novembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Robert Mallia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 3894Mu cioe' illi:

L-imputat akkuzat talli fl-14/03/2018 ghall-habta ta' 22.00hrs gewwa Hal-Qormi;

1. *Insulentajt u heddidt bil-kliem jew b' xi mod iehor lil Kimberly Bianco.*
2. *Permezz ta' xi network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika heddidt li taghmel xi reat.*

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-affidavits ezebiti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti qieset il-konverzazzjoni kollha skambjata bejn l-imputata u l-parte civile, liema konverzazzjoni giet ezebita f' dawn l-atti. Il-Qorti tqies li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, Robert Mallia ghandu jinsab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni peress li huwa hedded u nsulenta lill-istess parte civile. Minkejja li jista' jkun li seta' gie pprovokat b' xi agir precedenti tal-parte civile, fejn allegatament ibnu kien qieghed fil-prezenza ta' xi

allegat *partner* tal-parte civile, il-fatt jibqa' li l-imputat mar ben oltre l-limiti tal-provokazzjoni. Ghaldaqstant, din l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqies li l-imputat qed jigi akkuzat li permezz ta' xi network jew apparat tal-kommunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat. Mill-provi prodotti, jirrizulta li l-imputat hedded li jrid jimmanka lill-parte civile. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan jammonta ghal kliem ta' thedid li ser jaghmel xi reat. Il-fatt ommeno jekk il-parte civile dak il-hin komplietx tirrispondi lill-imputat u li uzat *emojis* li ma jindikawx li kienet qed tibza' minn din it-thedida, ma jezonorawx lill-imputat mir-responsabbilita' ghal dak li kiteb f' dawn il-messaggi. In oltre, il-parte civile marret tirraporta sussegwentement in vista ta' dan l-incident u t-theddid li sarilha.

Ghalhekk, bl-agir ta' l-imputat, immaterjalizza dak ravvizat fis-sub-inciz (a) tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 339 (1) ( e) u l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 ( a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda fl-ammont ta' hamsin Ewro (EUR 50) filwaqt li ssibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (EUR 200).

Illi inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kap 9 tordna lill-imputat sabiex bl-ebda mod ma tingurja jew timmolesta lil Kimberly Bianco u dan ghal zmien sena mil-lum u dan taht penali ta' tlett mija u hamsin euro (€350).

**Magistrat** **Deputat Registratur**